# Ir-radju fil-misraħ tar-raħal.

Kien għal ħabta ta' fil-għaxija. Ix-xemx qajla qajla bdiet tinħeba wara l-għoljiet, iżda xi mrieżaq minn tagħha kienu għadhom iħammru l-qċaċet tal-knejjes fil-bgħid. Sikta u ħemda kbar kienu jsaltnu ma' kullimkien. F'daqqa waħda l-qniepen tal-knejjes fil-bgħid u fil-qrib bdew għalenija jdoqqu t-tislima 'l Marija. Id-dalma tal-lejl bdiet traxxax ħelu ħelu, xħin l-arloġġ tar-raħal daqq is-sebgħa.

"Is-sebgħa!" qalu xi nies li donnhom kienu qegħdin jistennewh bi ħrara kbira. "Is-sebgħa" wieġbu oħrajn waqt li l-ħoss tal-qanpiena baqa' jidwi u jdamdam fil-beraħ tal-misraħ.

Bħal f'xi jum ta' xi ferħa jew inkella f'xi għors li jaħbat ma' tulek ja sena, il-misraħ imtela bħal bajda. Kien hemm nies tax-xogħol, tfal, irħieb u xi ftit milli jagħmluha tajjeb ukoll. Wieħed sata' jara kmiem imxammrin, qliezet imtellgħin, brieret u sdieri bojod bil-ġir, kollox juri l-bżulija tat-tajfa tar-raħal. Min idaħħan, min jitħaddet, tberriq ta' għajnejn, tixjir ta' idejn, iżda kulħadd b'kull widna daqshiex jistenna jibda r-radju. F'daqqa waħda fil-ħemda tal-misraħ, instema' leħen qawwi u sod igħid: "Issa sejrin tisimgħu l-aħbarijiet ta' barra..."

"Isa, Ton!" qal Peppi l-ħamra, raġel imbaċċaċ u ftit itwal minn xibrejn.

Il-leħen ta' qabel żied iħabbar ġrajjiet ta' tagħlim ta' fejda liema bħalhom. In-nies sektin u msammrin lejn tromba kbira ma tilfux kelma waħda biss u b'ħalqhom miftuħ u miblugħin qagħdu jisimgħu u jixtarru dak li kien qiegħed jiġri fi-ibgħad artijiet, fost slavaġ kif ukoll qalb nies imgħallma. Issa saret disgrazzja li twaħħax fuq l-iġbla miksijin bil-borra, u issa saret taqtigħa bejn nies suwed fil-wileġ u qalb il-widien imwiegħra. Fil-Kanada msaġar ta' kobor bla qies ħadu n-nar u saret ħsara kbira u fl-Indja xi xmajjar faru; kinsu l-artijiet għammiela tax-xtut u qerdu ħafna bhejjem u nies.

Il-kelliem beda fuq Spanja. In-nies ta' dik l-art b'għatx klubi għad-demm, kienu jġarrfu knejjes, iwaqqgħu djar, joqtlu nies u jagħmlu kollox ħerba. Imsejkna Spanja x'jiem koroh, ta' hemm u ta' niket kellhom igħaddu minn fuqha! Minn Spanja għaċ-Ċina u hawn il-ħsara xi ħaġa tal-għaġeb. L-għadu kien qiegħed iħarbat egħlieqi u artijiet għammiela, joqtol nies kif ġie ġie u jtarrak pontijiet u toroq.

L-aħbarijiet baqgħu sejrin....

Kemm hu ta' fejda u ta' ħtieġa r-radju għan-nies tar-rħula! Il-kotra bostana hija aktarx sajma minn kull tagħlim. Huma qatt ma marru skola, ma jafu xejn fuq id-dinja. Fi żmenijiet bikrija, huma kienu jgħadduha ħarir, iżda l-lum il-kotra taf taqra u għalhekk l-imsejkna raħlin isibu rnħhom weħedhom u qishom barra mid-dinja. Kollhom ferħanin huma jistennew b'sabar kbir il-ħin ta' fil-għaxja biex jsimgħu dak li qiegħed jiġri ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

L-aħbarijiet spiċċaw, il-misraħ beda jitbattal ġmielu għax it-tajfa bdiet tqarreb lejn darha għall-fatra u r-raqda. "Toni" qal Peppu l-ħamra, "x'jidhirlek minn dak li smajna l-lejla ?" "Bħal Malta m'hawnx", wieġeb Toni fil-waqt li taħ il-lejl it-tajjeb u rħielha lejn daru.

JOHN SAMMUT

Birkirkara.